# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Att t'Akkuza 5/2017

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Francis Bonett**

**Kevin Gatt**

Illum 1 ta' Frar, 2021

## Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 5/2017 migjub kontra Francis Bonett iben Carmelo u Mary nee' Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 687644M u Kevin Gatt, bin missier mhux mgharuf u Dolores sive Doreen nee' Gatt, karta detentur tal-Karta tal-identita' numru 69976M fejn:

Fl-ewwel Kap (fil-konfront taz-zewg akkuzati):

Akkużati talli assoċjaw rwieħhom flimkien u ma' persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw ir-raża tal-Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tagħhom hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 22(1)(a)(f)(1A)(1B), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati Kevin Gatt u Francis Bonett.

Fit-tieni Kap (fil-konfront ta' Francis Bonett:

Talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat Francis Bonett u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 13, 14, 22(1)(a), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat Francis Bonett.

Fit-tielet Kap (fil-konfront ta' Francis Bonett wahdu):

Talli forna, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża tal-cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat Francis Bonett u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħhom hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 13, 14, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi u r-regola 4 tal-liġi sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' Francis Bonett.

Fir-raba Kap (fil-konfront ta' Francis Bonett wahdu):

Talli fit-tnax (12) ta\` Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet ta\` qabel b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat Francis Bonett billi jiġi ikkundannat għall-piena ta' tmintax-il sena priġunerija u għall-multa ta' mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux aktar minn żewġ miljuni u ħames mitt euro (€2,500,000) kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skont il-liġi u skont kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli 2, 3, 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 4A u 5 tal-Att kontra *Money Laundering* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew ta' kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' Francis Bonett.

Fil-hames Kap (fil-konfront ta' Francis Bonett)

Talli xtara jew ircieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu

ffalsifikati bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' ħames snin priġunerija skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 188D[1] u 533 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' Francis Bonett.

Fis-sitt Kap (fil-konfront ta' Kevin Gatt):

Talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern u f'ċirkostanzi li juru li tali pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat Kevin Gatt u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 22(1)(a), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' Kevin Gatt.

Fis-seba' Kap (fil-konfront ta' Kevin Gatt):

Talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

U jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat Kevin Gatt u li jiġi kkundannat għal piena ta' tnax-il sena (12) priġunerija u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u sebgħin ewro (€470) iżda mhux iżjed minn elfejn u tlett mitt euro (€2,300) hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 13, 14, 15(A), 20, 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, fir-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 49 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat Kevin Gatt;

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs. Kevin Gatt*" tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), l-akkużat Kevin Gatt nstab ħati u għaldaqstant sar reċidiv.

Rat il-lista ta' xhieda tal-Avukat Generali prezentata permezz ta' nota mal-Att ta' Akkuza;

Rat in-nota tal-akkuzat Kevin Gatt prezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2017 li biha eccepixxa, (FOL 12):

*i) Li kull stqarrja u/jew dikjarazzjoni li l-esponent seta' ghamel sew bil-fomm sew bil-miktub lill xi awtorita' b'konnessjoni ma' dak li hemm migjub fl-Att tal-Akkuza fl-ismijiet premessi ghandhom jigu meqjusa nvalidi u ghalhekk mhux producibbli waqt il-guri stante li dawn ma nghatawx u/jew gew mehuda skont il-ligi u cioe' jekk u meta dawn setghu saru jew inghataw l-esponent ma kienx gie moghti minn qabel l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma; avukat tal-ghazlea tieghu u meta saru dan kien fl-assenza ta' avukat tal-ghazla tieghu;*

*ii) In-nullita' tas-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza billi l-fatti msemmija f'dan il-Kap u li fuqhom hi bazata l-akkuza f'dan l-istess Kap ma jirrizultawx mill-atti tal-kumpilazzjoni li damet ghaddejja ghal kwazi disa' snin;*

*iii) Li l-ammont massimu ta'prigunerija li l-esponent jista' jkun suggett ghalih taht is-Seba' Kap gie erronament indikat bhala "tnax il-*

*sena (12) prigunerija" mentri skond l-artiklu 22(2)(b) (ii) dan kellu jigi ndikat bhala "tnax 12) il-xahar prigunerija". Oltre dan, l-ammont ta' kokaina imsemmi fl-istess Kap hu ta' punt wiehed disa' grammi (0.19g) b'purita' ta' cirka 57% li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond dna il-Kap ghandu jigi kkunsidrat li dan l-ammont kien ghall-uzu esklussiv ta' l-esponent u ghall-liema kaz ghandhom japplikaw il-mizuri l-aktar ricenti f'kaz ta' sejbien ta' htija f'kazi bhal dawn u dan a bazi tad-dottrina u gurisprudenza dwar il-principju tal-ius superveniens;*

*iv) Illi x-xhud Pio Saliba indikat mill-Prosekuzzjoni mhux wiehed li l-Prosekuzzjoni tista' taghmel uzu minnu fil-guri peress li dan kien xehed fuq talba tal-akkuzat in konnessjoni mat-talba tieghu ghal-liberta' provvisorja u mhux fuq il-fatti msemmija fl-Att tal-Akkuza fl-ismijiet premessi.*

Rat il-lista ta' xhieda ndikati minn Kevin Gatt fin-nota tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Francis Bonett prezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2017 li biha ecepixxa:

*i) Illi din l-Qorti f'dan l-istadju ghandha tidhol fil-kwistjoni dwar il-korrettezza ta' l-ewwel akkuza kif moghtija fl-ewwel Kap ta' assocjazzjoni ta' traffikar ta' raza cannabis u dan peress illi jirrizulta b'mod car u manifest illi minghajr ebda pregudizzju ta' xejn, l-allegazzjoni tal-pulizija hija li l-esponent ikkonsenja ir-raza lil Kevin Gatt. Illi jekk xejn wiehed jista' jargumenta illi din l-attivita' twassal ghal attivita' ta' droga izda certament l-elementi ta' assocjazzjoni u cioe' li zewg individwi flimkien jiftiehmu u jaghmlu pjan wiehed sabiex flimkien jittraffikaw id-droga lil persuna wahda biss huma totalment monki u ma jezistux fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Illi ghalhekk bid-dovut rispett l-Avukat Generali kien skorrett meta huwa hareg l-Ewwel Kap ta' akkuza kif spjegat, u ghalhekk din il-Qorti ghandha f'dan l-istadju tiddetermina illi l-elementi ghal assocjazzjoni*

*ghat-traffikar huma kompletament mankanti. Illi l-esponent jikkontendi illi dan il-punt ma ghandux jithalla ghal gurati fil-kors tal-guri u dan ghaliex hawn si tratta mhux ta' apprezzament ta' fatt izda il-fatt illi l-provi ma jwasslux biex ikun korretti li tali akkuza tinghata il-konfront ta' l-esponent kif qed jipprospetta l-Avukat Generali f'dan il-kaz;*

*ii) Illi dwar l-akkuza kif prospettata fit-Tielet Kap u cioe dik ta' traffikar ta' droga raza cannabis, l-esponenti jikkontendi illi l-Qorti ghandha taghti struzzjonijiet sabiex fil-process kull fejn tissemma' xi verzjoni mill-ko-akkuzat l-iehor Kevin Gatt, din mhix ammissibbli u ma ghandhiex tinghata ghad-disposizzjoni tal-gurati waqt ic-celebrazzjoni tal-guri. Illi jinghad ukoll illi sa certu punt anke dak prospettat minn Jeremy Ciantar huwa wkoll inabbmissibbli jew f'pessima ipotezi ghandha tinghata direttiva lil gurija sabiex ix-xhieda ta' dan ix-xhud tkun wahda li titqies b'kwtels u kawtela kbira. Illi dan qed jinghad ghaliex l-esonenti jikkontendi li Jeremy Ciantar sa certu punt huwa ko-awtur ta' din il-kwisjtoni flimkien ma' Kevin Gatt. Illi l-esponenti huwa estaneu ghal ftehim li kien hemm bejn Kevin Gatt u Jeremy Ciantar. Illi ghalhekk la darba jirrizulta ampjament li dna Jeremy Ciantar kellu nteress f'din l-operazzjoni ma' Kevin Gatt, il-Qorti ghandha taghti direttiva li almenu jekk mhux ko-awtur, jigi spjegat waqt il-guri li Jeremy Ciantar, minkejja li mhux akkuzat f'dan il-process, waqt il-kommissjoni tar-reat kellu interess vestit ta' kif kienu qed jizviluppaw ic-cirkostanzi;*

*iii) Illi in kwantu ghar-Raba' Kap ta' akkuza, ossia dak ta' hasil ta' flus inghad bir-rispett illi dina l-akkuza ukoll ghandha tigi censurata minn din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju u dana ghaliex il-fatt illi god-dar tieghek ikollok somma flus anke jekk f'pessima ipotezi jirrizulta li tali flus ikunu derivanti minn reita' l-element tal-hasil u l-habi ta' l-istess flus certament li ma jezistix fil-kaz odjern. Illi sabiex jissussisti ir-*

*reat ta' money laundering ma jehtiegx biss li wiehed jiggenera flus minn attivita' illegali izda jkun jonqos it-tieni parti ta; l-attivita' illegali u cioe' li mbaghad dawk il-flus jibdew jigu ttrasformati f'dak illi jkun jidher li huwa legittimu. Illi fil-kaz odjern il-pulizija sempliciment elevaw somma flus kontanti mir-residenza ta' l-imputat u dan il-fatt wahdu mhux konducenti biex tissussisti l-akkuza ta' money laundering kif prospettata mill-Avukat Generali fir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.*

Rat ukoll il-lista' ta' xhieda ndikati minn Francis Bonett fin-nota tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**L-eccezzjonijiet mressqa mill-akkuzat Kevin Gatt:**

**I. L-invalidita' tal-istqarrija**:

1. Mill-atti processwali jirrizulta d-dokument a fol. 437 liema dokument huwa stqarrija tal-akkuzat Kevin Gatt li ggib id-data tat-13 t'Ottubru, 2008. Dan id-dokument huwa ntestat STQARRIJA bl-indikazzjoni tad-data tat-13 t'Ottubru, 2008 maghmula fl-ufficcju tal-Ispettur Norbert Ciappara fil-hin 18:58 u konkluza fil-hin 22.02 u hija preceduta bis-segwenti kawzjoni:

"Twissija moghtija mill-Ispetter Norbert Ciappara fil-presenza ta' P.C. 1183. M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jigieb bi prova".

2. Ghal din il-kawzjoni iffirma l-akkuzat kif ukoll ghad-dikjarazzjoni fi tmiem tal-istqarrija li taqra hekk:

"Din l-istqarrija ghamiltha volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi. Hija l-verita' u wara li qrajtha jien stess ma rrid inzid Jew innaqqas Jew inbiddel xejn minnha u, naghzel li niffirmha".

3. Din l-istqarrija kienet rilaxxjata mill-akkuzat fi zmien meta d-dritt tal-assistenza legali fil-*pre trial stage* kien inezistenti. Fis-sena 2010 dahlu fis-sehh l-ewwel mizuri fil-Kodici Kriminali sabiex ikun rettifikat dan in-nuqqas u b'emendi li saru minn dakinhar hemm *in vigore* llum regoli dwar dik l-assistenza li suspettat ghandu jistenna li jkunu applikati fil-konfront tieghu mill-Pulizija waqt li jkun fil-kustodja taghha. Huwa palezi illi dwar dan kien hemm zvilupp gurisprudenzjali sia mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, dawk kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-aktar gurisprudenza recenti li ghaliha ser taghmel referenza din il-Qorti hi dik emergenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet The Republic of Malta vs Samur Lamin Seguba. Issa ghalkemm il-kwistjoni hemm devoluta kienet tirrigwarda r-rilaxx ta' stqarrija wara rifjut ta' assistenza legali kif vigenti dak iz-zmien mill-akkuzat nniffsu jidher illi l-insenjament emergenti minn din is-sentenza huwa li r–ricerka trid issir fuq jekk il-prova ttehditx skond il-ligi f'dak iz-zmien:

*The Court of Criminal Jurisdiction cannot a priori expunge evidence from the records which at this stage still has its probative weight for the reason put forward by appellee in his preliminary plea. This is because according to the said court the denial of legal assistance during interrogation does not automatically lead to a breach of the accused's right to a fair hearing, when the European Court is now directing*

*domestic courts to investigate whether the proceedings as a whole were fair, an exercise that can be carried out only after all evidence has been brought forward at the trial, accused also having a right to appeal from the verdict and judgment of the Criminal Court establishing his guilt".*

4. Fil-konkluzzjoni taghha, l-Qorti rriteniet illi:

"*In the light of the above considerations, and since the defence is basing its objection on the inadmissibility of the defendant's statement not on any evidentiary rule which attacks the probative value of such evidence, since the pre-trial statement complied with the criminal law in force at the time, but on the alleged breach of his right to a fair hearing under article 6 of the European Convention were that incriminating statement to be used in court of justice against him, the Court cannot agree with the ruling of the First Court wherein it declared such pre-trial statement as inadmissible as evidence at this stage of the proceedings, since it is only after all evidence, both in favour and against the accused, has been heard would it be possible to conduct the two-tier test as established by the European Court of Human Rights and this in order to determine whether the overall fairness of the proceedings has been compromised if accused's statement were to be used against him as evidence".*

5. L-istqarrija tal-akkuzat odjern ittiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien u ghalhekk applikat l-insenjament appena riprodott ma hemm l-ebda raguni ghaliex id-dokument konsistenti fl-istqarrija in disamina ghandu jkun dikjarat inammissibbli u mhux producibbli;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun respint;

**II. Nullita' tas-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza**:

7. F'din l-eccezzjoni, l-akkuzat jallega illi l-fatti msemmija f'dan il-Kap u li fuqhom hi bazata din l-akkuza ma jirrizultawx mill-atti tal-kumpilazzjoni. Huwa palezi illi l-att ta' akkuza ghandu jkun msejjes fuq dak li dwaru tkun saret il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Is-subartikoli (c) u (d) tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali huwa car bizzejjed dwar dan u in sostenn ta' dan ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Micahel Carter tas-7 ta' Dicembru, 2001 li ghalkemm titratta dwar ir-rinviju ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-Avukat Generali tispjega b'analogija dak li ghandu jsehh f'att ta' akkuza: "*in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 373(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni*";

8. Ezaminati l-atti processwali, ma hemm ebda dubju li l-kumpilazzjoni tkopri dak allegat fit-Sitt Kap tal-Att ta' Akkuza u ghalhekk il-gudizzju dwar dak allegat mill-Avukat Generali hu rimess ghall-guri. Konsegwentement din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

**III. Il-massimu tal-piena tar-reat taht is-Seba' Kap tal-Att ta' Akkuza:**

9. Fis-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza, Kevin Gatt wahda huwa akkuzat bil-pussess tad-droga Kokajina minghajr aggravanti li jfisser li huwa hekk akkuzat bil-pussess semplici taghha. F'dik il-parti tal-Att tal-Akkuza li skond l-artikolu 588(d) tal-Kodici Kriminali l-Avukat Generali ghandu jispicca b'talba, *inter alia,* li l-akkuzat ikun

ikkundannat ghall-piena stabbilita mil-ligi, talab li jkun ikkundannat ghal piena ta' tnax-il sena (12) prigunerija oltre l-multa hemm imsemmija. L-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal-piena tar-reat ravvizat fis-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza li hija dik ta' prigunerija minn tlett xhur sa tnax-il xahar jew il-multa hemm stipulata jew it-tnejn flimkien;

10. Illi ghalkemm l-akkuzat Kevin Gatt ghandu ragun jissenjala dan fl-eccezzjoni tieghu dan ma hu ta' ebda konsegwenza u ghal dan il-ghan, bil-poter moghti lil din il-Qorti bis-sahha tal-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali tordna korrezzjoni fl-Att ta' Akkuza u cioe' fis-Seba' Kap tal-Att ta' Akkuza billi fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar li jibda bil-kliem "Ghaldaqstant", il-kliem "piena ta' tnax-il sena (12) prigunerija" jkun sostitwit bil-kliem "tnax-il xahar (12) prigunerija";

11. Illi fl-istess eccezzjoni, l-akkuzat Kevin Gatt jghid illi f'kaz ta' sejbien ta' htija ghandhom japplikaw il-mizuri l-aktar ricenti. Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tal-akkuzat ghamel referenza ghall-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta u ghall-principju tal-*ius superveniens*. Naturalment l-akkuzat hawnhekk qed jaghmel referenza ghall-artikolu 8 tal-Kap 537 li jintitola lil kull min jinsab hati tar-reati hemm imsemmija li jitlob lil Qorti li tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga li jkollu bhala konsegwenza l-imposizzjoni ta' sanzjoni aktar favorevoli minn din appena imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dawn il-konsiderazzjonijiet. L-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kap 537 ma huwiex wiehed awtomatiku u jista' jintlaqa' jew le minn qorti wara li ssir talba appozita u huwa dipendenti minn diversi parametri li d-diskussjoni dwarhom certament mhix ser issir hawnhekk f'dan l-istadju. L-Avukat Generali seta' jitlob il-piena stabbilita fl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u d-diskussjoni dwar il-Kapitolu 537 hi wahda li, se mai, ghandha tissokta fi stadju ulterjuri skond il-verdett tal-guri.

Ghalhekk qed tirrispingi din it-tielet eccezzjoni filwaqt illi tordna l-korrezzjoni msemmija fil-paragrafu 6;

**IV. Inammissibilita' tax-xhud Pio Pisani:**

12. Fir-raba' eccezzjoni tieghu, l-akkuzat Kevin Gatt qieghed joggezzjona ghall-produzzjoni tax-xhud Pio Pisani ghar-raguni illi dan huwa persuna li kien mressaq mill-akkuzat stess biex jixhed in konnessjoni mat-talba tieghu ghall-liberta' provvisorja u mhux fuq il-fatti u ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma tistax tuza lil dan ix-xhud fil-guri;

13. Dwar dan ix-xhud l-Avukat Generali donnu ma sab ebda oggezzjoni li ma jibqax indikat bhala xhud la darba jirrizulta illi kien persuna li wiegeb ghal xi rikors tant illi kkonkluda illi "*mhux ser noqghod noggezzjona li ghandu jitla' bilfors dan*". Jibda biex jinghad illi fis-sottomissjonijiet tieghu, l-Avukat Generali kien qed jaghmel referenza ghax-xhud Pio Saliba. Issa, ezaminat l-elenku ta' xhieda fin-nota tal-Avukat Generali akkluza mal-Att tal-Akkuza, jirrizulta illi ma hemm ebda xhud b'isem ta' Pio Pisani. Gia fin-nota tal-eccezzjonijiet u proprju fl-eccezzjoni in disamina, l-akkuzat kien indika lix-xhud Ivan Camilleri izda fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2018 kien talab u ottjena korrezzjoni sabiex l-isem Ivan Camilleri fir-raba' paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghandu jaqra Pio Saliba. Issa meta r-registratur ghamel il-korrezzjoni kif awtorizzata mill-Qorti, erronjament nizzel l-isem ta' Pio Saliba bhala Pio Pisani u hija din ir-raguni li tispjega id-diskrepanza meta fis-sottomissjonijiet tieghu l-Avukat Generali irrefera ghax-xhud Pio Saliba meta n-nota tal-eccezzjonijiet tirreferi ghall-inamissibilita' tax-xhud Pio Pisani;

14. Illi jidher illi hemm qbil illi dan ix-xhud Pio Saliba ma huwiex mehtieg bhala xhud tal-fatti fil-guri la darba kien xehed fil-kors ta'

smiegh ta' rikors ghal helsien mill-arrest. Il-Qorti ma tistax taghmel il-verifiki taghha ghaliex mill-atti processwali ma tidher l-ebda deposizzjoni ta' Pio Saliba u wisq anqas verbali ta' udjenza li fiha setghet kienet trattata talba ghal-helsien mill-arrest. F'diversi rinviji tieghu l-Avukat Generali kien ghamel l-istess talba sabiex ikun esebit id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest taz-zewg akkuzati izda dan xorta wahda ma jidhirx in atti. Illi ghalhekk, u la darba hemm qbil bejn l-akkuzat u l-Avukat Generali, ix-xhud Pio Saliba ma jistghax jitressaq bhala xhud tal-prosekuzzjoni fil-guri;

**Eccezzjonijiet mressqa minn Francis Bonett:**

**I. Korrettezza tal-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuza:**

15. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat Francis Bonett jallega illi l-Avukat Generali qatt ma seta' hareg kontra tieghu akkuza ta' assocjazzjoni ghal-skop ta' traffikar ta' droga u dan ghaliex mill-atti processwali jirrizulta illi l-elementi ta' dan id-delitt huma kompletament mankanti u li dan il-punt m'ghandux jithalla ghad-decizzjoni tal-gurati. Fis-sottomissjonijiet tieghu dwar din l-eccezzjoni l-Avukat Generali sahaq illi huma prezenti l-elementi ta' dan id-delitt skond il-provi mressqa u li din il-kwistjoni allura ghandha tithalla ghad-decizzjoni tal-guri;

16. Il-Qorti tfakkar illi l-Att tal-Akkuza jinhareg fuq dak li dwaru saret il-kumpilazzjoni. Issa, jekk minn dak akkolt l-Avukat Generali jidhirlu illi jirravvizaw l-elementi ta' reat u mhux iehor jew it-tnejn flimkien jew alternattivi ghal-xulxin, allura huwa fil-pjena fakolta' li jaghmel hekk u l-fatt imbaghad ikun rimess ghall-gudizzju tal-guri wara

li l-Imhallef togat ikun spjega il-ligi u elenka l-provi lill-istess membri tal-guri.  Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

**II. Dwar it-Tielet Kap tal-Akkuza – inammissibilita' tax-xhieda tal-ko-akkuzat.**

17. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat Francis Bonnett jissolleva illi l-Qorti ghandha taghti struzzjonijiet sabiex fil-process, kull verzjoni mill-ko-akkuzat titqies inammissibbli u ma ghandhiex tkun ghad-disposizzjoni tal-gurati.  Dan ghandu japplika ukoll fil-kaz ta' Jeremy Ciantar jew fin-nuqqas ghandha tinghata direttiva lill-gurija sabiex tqis ix-xhieda ta' dan ix-xhud "b'kawtela u kawtela kbira" la darba huwa ko-awtur flimkien mal-ko-akkuzat;

18. Dwar din l-eccezzjoni l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi ma hemm l-ebda dikjarazzjoni maghmula mill-ko-akkuzat fil-konfront ta' Francis Bonett u li kieku kien il-kaz ma kienx ser jippermetti li jsir hekk. Fil-kaz ta' Jeremy Ciantar, jaqbel ukoll illi ma hemm ebda ostakolu li dan jixhed izda l-Qorti ghandha taghmel dak li hu mehtieg fl-ispjega taghha lil guri;

19. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak ravvizat f'din l-eccezzjoni, kif del resto jaqbel ukoll l-Avukat Generali u dan ghaliex fejn si tratta ta' ko-akkuzat sia jekk f'dawn il-proceduri jew fi proceduri separati japplika dejjem l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-insenjament tal-Qrati taghna in rigward flimkien mad-disposizzjonijiet specjali tal-Kapitolu 101.  Per ezemplari, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia kien ritenut illi "*Din l-ahhar regola* (li x-xhud mhux xhud kompetenti) *hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-artikolu*

*(b) tal-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-Qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz……Fil-kaz in dizamina meta xehed Zammit hu kien ghadu ko-akkuzat ma' Farrugia u ghalhekk id-deposizzjoni tieghu ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, hlief naturalment, bhala prova favur jew kontra l-istess Zammit. Ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija ta' Zammit minnu maghmula lill-pulizija japplika s'intendi l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali.* [Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra – Art 661 Kap 9] ;

20. Issa, l-mod kif inhi postulata din l-eccezzjoni, igifieri li din il-Qorti ghandha taghti struzzjonijiet sabiex fil-process kull fejn tissemma xi verzjoni mill-ko akkuzat din mhix ammissibbli mhix wahda sostenibbli. Huwa l-Imhallef fil-guri li ghandu ifisser ir-regola tax-xhieda tal-ko-akkuzat, min jitqies bhala ko-akkuzat, dak li hu ammissibbli li jkun intqal minn dak ix-xhud u l-kawtela li jehtieg li tkun adoperata dwar id-deposizzjoni ta' xhud li kien ko-akkuzat fi proceduri ohra u li kienu definittivament konkluzi fil-konfront tieghu. Din il-Qorti, izda, ma tistax taghmel dak mitlub mill-akkuzat, igifieri ticcensura l-atti processwali u ghalhekk l-eccezzjoni qed tkun michuda;

**III. Dwar ir-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuza – censura tal-akkuza ta' hasil ta' flus.**

21. F'din l-eccezzjoni, l-akkuzat Francis Bonnett jissottometti illi ir-raba' akkuza ghandha tkun "*censurata*" u dan ghaliex fil-kaz odjern ma jezistux l-elementi tar-reat ghaliex iz-zamma ta' ammont ta' flus id-dar wahda ma jikkostitwix ir-reat ipotizzat tal-hasil ta' flus. L-Avukat

Generali wiegeb illi l-prosekuzzjoni ressqet il-provi li kellha tressaq u li huwa l-guri li jiddeciedi dwar dan;

22. Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Francis Bonett kwantu li l-Avukat Generali jista' jgib akkuza fuq dak li dwaru saret il-kumpilazzjoni. Ezaminati l-atti tal-istruttorja jemergi illi fuq dan il-Kap saret il-kumpilazzjoni debita u ghalhekk il-kwistjoni jekk jirrizultawx l-elementi tar-reat o meno hija wahda rimessa lill-gurati wara d-debita spjega tal-ligi mill-Imhallef fil-guri. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;